**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 3 ta' Ottubru, 2018**

Numru 16

**Rikors Guramentat Nru. 351/2018**

**HSBC Bank Malta plc**

**vs**

**Rodney Joseph Angelo Degabriele**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-bank attur tas-16 ta' April, 2018 li jghid hekk:

1. Illi l-intimat huwa debitur tas-socjeta attrici fl-ammont kumplessiv ta' mija u erbat elef erba' mija sitta u sittin ewro u tmintax-il centezmu (€104,466.18) liema ammont huwa dovut mill-intimat in kwantu ghas-somma ta' sebgha u tmenin elf hames mija sitta u tletin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€87,536.23) rapprezentanti kapital dovut fuq facilita ta' Maxi Credit Loan bil-kont numru 18045207 naxxenti minn kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar tal-20 ta' Novembru 2008 mentri s-somma bilancjali ta' sittax-il elf disa' mija disgha u ghoxrin ewro u hamsa u disghin centezmu (€16,929.95) tirrapprezenta imghaxijiet ikkalkulati sas-26 ta' Marzu 2018 u dan in konnessjoni mal-istess facilita, b'rizerva ghall-imghaxijiet ulterjuri mis-27 ta' Marzu 2018, sad-data tal-effettiv pagament, u dan kif rizultanti mill-annessi rendikont;

2. Illi ghalkemm interpellat permezz ta' ittri gudizzjali sabiex ihallas l-ammont dovut l-intimat baqa' ma hallasx, biex b'hekk tilef l-beneficcju taz-zmien moghti lilu.

Ghaldaqstant s-socjeta attrici titlob li din l-Onorabbli Qorti:
1. Tiddikjara, prevja kull dikjarazzjoni necessarja, illi l-intimat huwa debitur tas-socjeta attrici fl-ammont ta' mija u erbat elef erba' mija sitta u sittin ewro u tmintax-il centezmu (€104,466.18), kif fuq premess, salv imghaxijiet ulterjuri legali mis-27 ta' Marzu 2018 sad-data tal-effettiv pagament;

2. Tikkundanna, prevja kull dikjarazzjoni necessarja, lill-intimat ihallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' mija u erbat elef erba' mija sitta u sittin ewro u tmintax-il centezmu (€104,466.18) bl-imghax ta' 8% mis-27 ta' Marzu 2018 fuq is-somma indikata sad-data tal-pagament finali liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat fuq il-kont bin-numru 18045207;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datat it-18 ta' Mejju 2016 u tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors kontra l-intimat li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni. Bl-imghax ulterjuri skont il-ligi sad-data tal-pagament effettiv.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tal-bank attur;

Rat li l-konvenut debitament notifikat baqa’ kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta’ Dr Ralph Agius Fernandez, rapprezentant tal-bank attur li kkonferma bil-gurament tieghu li ebda parti mill-kreditu mitlub ghadu ma thallas inkluz l-imghax;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-bank attur;

Mill-atti tal-kawza jidher illi l-konvenut naqas fl-obbligi tieghu fil-konfront tal-bank u l-ftehim milhuq mieghu u ghalkemm interpellat sabiex jikkonforma ruhu ma’ dak miftiehem baqa’ inadempjenti. Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-bank hu gustifikat fit-talbiet tieghu.

**Decide**

Il-Qorti qed tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lil konvenut Rodney Joseph Angelo Degabriele jhallas lil-bank attur is-somma ta’ mija u erbat elef erba' mija sitta u sittin ewro u tmintax-il centezmu (€104,466.18), rapprezentanti kapital u imghax sas-26 ta’ Marzu 2018, fuq facilita ta’ Maxi Credit Loan bil-kont numru 18045207 tal-istess konvenut skont it-talbiet u dokumenti esebiti, flimkien mal-imghax ulterjuri mis-27 ta' Marzu 2018 sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez ghall-konvenut.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur